**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, it-Tlieta, 9 ta' Mejju, 2017**

**Kawża Numru 3 (Kost.)**

**Rik. Nru. 103/14JRM**

Isabelle **AZZOPARDI**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta u Bank of Valletta p.l.c. (C – 2833)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-19 ta' Diċembru, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti (i) tagħti l-ordnijiet, toħroġ l-atti u tagħti d-direttivi li jidhrilha xierqa biex twettaq jew tiżgura l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tagħha; (ii) issib li hija ġarrbet diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol tagħha mal-Bank intimat kemm (a) bejn impjegati nisa u dawk irġiel u (b) kif ukoll bit-trattament ta' impjegati nisa bejniethom, u dan bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika

ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u kif ukoll tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (iii) issib li l-miżura tal-Bank intimat li impjegati nisa kienu mġegħlin jirriżenjaw mill-impieg mad-data taż-żwieġ tagħhom kienet waħda diskriminatorja fuq bażi ta' sess, u għalhekk tħassarha bħala nulla u mingħajr effett fir-rigward tar-rikorrenti biss; (iv) issib li hija ġarrbet ksur separat tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; (v) issib li hija ġarrbet ukoll ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni; (vi) tillikwida somma, li tirrappreżenta t-telf fi flus li hija ġarrbet minħabba dak li ssemma, magħduda danni pekunjarji u danni mhux pekunjarji, u dan bħala kumpens xieraq għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha; u (vi) tikkundanna lill-intimati separatament iħallsuha l-kumpens hekk likwidat. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Diċembru, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet il-kawża għas-smigħ tal-21 ta' Jannar, 2015;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fl-20 ta' Jannar, 2015, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti jew mal-pretensjonijiet tagħha u għalhekk ma jweġibx hu għalihom; li mhuwiex f'qagħda li jaf il-fatti li dwarhom tilminta r-rikorrenti ladarba dawn jirrigwardaw l-impieg tagħha ma' Bank privat; li r-rikorrenti naqset li tieħu l-miżuri ordinarji quddiem il-Qrati biex tattakka f'waqthom l-għemejjel tal-Bank li miegħu kienet taħdem, u għalhekk il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; li safejn l-ilmenti tar-rikorrenti jolqtu kwestjonijiet li nqalgħu fil-kors tal-impieg tagħha, tonqos f'din il-Qorti s-setgħa li tisma' l-kawża *ratione materiae* billi dawk il-kwestjonijiet jaqgħu fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali; u li l-ilmenti tar-rikorrenti ma jistgħux jitqiesu minn din il-Qorti skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba l-imsemmija lmenti jintrabtu maċ-ċirkostanza taż-żwieġ tagħha li seħħ qabel ma l-Konvenzjoni kienet daħlet fis-seħħ f'Malta f'Mejju tal-1987. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Bank of Valletta fl-20 ta' Jannar, 2015, li biha u għar-raġunijiet imsemmija laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrenti kellha rimedji ordinarji li nqdiet bihom u nstab li ma kellhiex raġun fl-ilmenti tagħha wkoll dwar allegata diskriminazzjoni, filwaqt li naqset li tieħu rimedji ordinarji oħrajn li kellha dwar l-ilmenti l-oħrajn; li tonqos fil-Qorti s-setgħa *ratione materiae* li tqis

it-tieni talba tar-rikorrenti, ladarba kwestjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol taqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali; u li, safejn il-fatti li minnhom tilminta r-rikorrenti jmorru għal żmien qabel id-dħul fis-seħħ f'Malta tal-Konvenzjoni, l-azzjoni ma tistax trieġi skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2015[1], li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, jitqiesu l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit u kif ukoll bil-provi dokumentali;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tad-19 ta' April, 2016[2] li biha l-għaref difensur tal-intimat Avukat Ġenerali fisser liema kienu, fil-fehma tiegħu, ir-rimedji ordinarji li r-rikorrenti setgħet tieħu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-8 ta' Ġunju, 2016[3], dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mqajmin minnu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Bank of Valletta fit-13 ta' Ġunju, 2016[4], dwar l-eċċezzjonijiet imqajmin minnu;

Rat iż-żewġ Noti ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fit-30 ta' Awwissu, 2016, bi tweġiba għal dik tal-Bank intimat[5] u għal dik tal-intimat Avukat Ġenerali[6] rispettivament;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2016, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 15 tal-proċess
[2] Paġġ. 79 – 80 tal-proċess
[3] Paġġ. 81 – 91 tal-proċess
[4] Paġġ. 92 sa 106 tal-proċess
[5] Paġġ. 112 – 9 tal-proċess
[6] Paġġ. 130 sa 141 tal-proċess

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti tilminta li, matul iż-żmien li hija kienet taħdem mal-Bank intimat (minn issa 'l hemm imsejjaħ "BOV"), ġarrbet ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha li ma tkunx suġġetta għal trattament diskriminatorju u li tgawdi l-possedimenti tagħha bla ndħil u kif ukoll li ma ġġarrabx trattament inuman u degradanti. Tgħid li dan ġara minħabba li, meta għażlet li tiżżewweġ, kellha tħalli l-impieg tagħha sewwasew għaliex għażlet dak l-istat u tgħid li din il-kundizzjoni ma kenitx tgħodd meta impjegat raġel tal-istess BOV kien jiżżewweġ. Tgħid ukoll BOV kien ħalla żewġ impjegati nisa li żżewwġu jibqgħu fl-impieg mal-Bank u għalhekk saret diskriminazzjoni bejnha u dawk iż-żewġ impjegati. Minbarra dan, tilminta li hija ġarrbat u għadha ġġarrab ksur tal-jedd tat-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti tagħha, għaliex minkejja li reġgħet daħlet taħdem ma' BOV, iż-żmien tal-impieg tagħha qabel ma żżewġet ma tqies xejn u dan laqtilha l-jeddijiet tagħha ta' anzjanita' u wkoll għall-pensjoni, fost benefiċċji oħrajn li ma setgħetx tgawdi minnhom. Ittemm tgħid li ġarrbet ukoll trattament degradanti u inuman minħabba li baqgħet ma ngħatatx promozzjonijiet għal żmien twil, minħabba li superjur tagħha f'waħda mill-fergħat fejn kienet taħdem kien infitel magħha għaliex żewġha (avukat) kien fetaħ kawża kontrih f'isem ta' xi klijenti tal-Bank, u wkoll għaliex BOV heddidha li ma jiffirmax il-ftehim ta' rtirar qabel il-waqt ("*early retirement agreement*") tagħha jekk kemm-il darba ma tirrinunzjax għar-riżerva li kienet riedet tagħmel dwar il-jeddijiet tagħha kontra l-istess Bank u għalhekk kienet imġegħela tiffirma kontra r-rieda tagħha. Għalhekk, hija titlob li l-Qorti ssib li ġarrbet ksur tal-jedijiet imsemmija u tagħti r-rimedji xierqa, fosthom it-tħassir fil-konfront tagħha tad-deċiżjoni li tirtira mill-impieg minħabba li żżewġet u l-kundanna tal-intimati għall-ħlas ta' kumpens xieraq minħabba dak li kellha tgħaddi minnu;

Illi għall-imsemmija azzjoni, l-intimat Avukat Ġenerali laqa' billi, b'mod preliminari, qal li ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti jew mal-pretensjonijiet tagħha u għalhekk ma jweġibx hu għalihom; li mhuwiex f'qagħda li jaf il-fatti li dwarhom tilminta r-rikorrenti ladarba dawn jirrigwardaw l-impieg tagħha ma' Bank privat; li r-rikorrenti naqset li tieħu l-miżuri ordinarji quddiem il-Qrati biex tattakka f'waqthom l-għemejjel tal-Bank li miegħu kienet taħdem, u għalhekk il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; li safejn l-ilmenti tar-rikorrenti jolqtu kwestjonijiet li nqalgħu fil-kors tal-impieg tagħha, tonqos f'din il-Qorti s-setgħa li tisma' l-kawża *ratione materiae* billi dawk il-kwestjonijiet jaqgħu fil-kompetenza

tat-Tribunal Industrijali; u li l-ilmenti tar-rikorrenti ma jistgħux jitqiesu minn din il-Qorti skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba l-imsemmija lmenti jintrabtu maċ-ċirkostanza taż-żwieġ tagħha li seħħ qabel ma l-Konvenzjoni kienet daħlet fis-seħħ f'Malta f'Mejju tal-1987. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi, min-naħa l-oħra, l-intimat BOV laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrenti kellha rimedji ordinarji li nqdiet bihom u nstab li ma kellhiex raġun fl-ilmenti tagħha wkoll dwar allegata diskriminazzjoni, filwaqt li naqset li tieħu rimedji ordinarji oħrajn li kellha dwar l-ilmenti l-oħrajn; li tonqos fil-Qorti s-setgħa *ratione materiae* li tqis it-tieni talba tar-rikorrenti, ladarba kwestjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol taqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali; u li, safejn il-fatti li minnhom tilminta r-rikorrenti jmorru għal żmien qabel id-dħul fis-seħħ f'Malta tal-Konvenzjoni, l-azzjoni ma tistax triegi skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża u safejn rilevanti għas-sentenza tallum, jirriżulta li r-rikorrenti kienet impjegata ma' BOV sa minn Novembru tal-1973;

Illi xi xhur qabel tejġet, talbet lil BOV iħalliha tibqa' taħdem miegħu wara d-data tat-tieġ[7]. BOV weġibha li ma setax jilqa' t-talba tagħha għaliex dak iż-żmien il-Bank ma kienx iżomm fl-impieg lil impjegati nisa li jiżżewġu. Hija żżewġet fil-25 ta' Awwissu, 1979, u kellha titlaq l-impieg tagħha minn ma' BOV;

Illi madankollu, hija reġgħet ħadmet ma' BOV fuq bażi ta' kuntratti għal żmien fiss minn Mejju tal-1980 sa Ottubru ta' dik is-sena u minn Ottubru tal-1989 sa Ġunju tal-1992. Minn Lulju tal-1992 'il quddiem, baqgħet taħdem mal-BOV bħala impjegata '*full-time*' b'kuntratt għal żmien indefinit;

Illi f'Novembru tal-1993, ir-rikorrenti ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji dwar talba li kienet għamlet fl-1993[8] f'sejħa għall-applikazzjonijiet għall-mili ta' ħatra ta'

[7] Dok f'paġ. 46 tal-proċess
[8] Dok f'paġġ. 44 – 5 tal-proċess

"*Supervisor I*" ma' BOV. F'Mejju tal-1995[9], il-Kummissjoni sabet li r-rikorrenti la kienet ġarrbet inġustizzja u lanqas imġiba diskriminatorja u għarrfitha li l-ilment tagħha ma kienx milqugħ u li l-Prim Ministru kien qagħad għal dik id-deċiżjoni[10];

Illi r-rikorrenti ngħatat promozzjoni fil-grad ta' "*Supervisor*" f'Ottubru tal-2002[11];

Illi f'Awwissu tal-2004, hija temmet l-impieg tagħha ma' BOV bl-iffirmar ta' ftehim ta' rtirar mill-impieg;

Illi fid-19 ta' Diċembru, 2014, ir-rikorrenti fetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjonijiet taħt eżami jitolbu li l-Qorti tqishom fid-dawl tal-istadju bikri li fih għadu jinsab il-każ imressaq quddiemha. Il-Qorti tagħraf li, fit-trattazzjoni tal-imsemmija eċċezzjonijiet, il-partijiet jidher li bdew jaċċennaw għall-fatti u ċirkostanzi li jolqtu l-mertu tal-azzjoni tar-rikorrenti, u saħansitra fin-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħha, l-istess rikorrenti senslet lista ta' ċirkostanzi li ma kenitx semmiethom fix-xhieda tagħha qabel. Il-Qorti tgħid li, minbarra li x-xhieda ma tingħatax f'Nota ta' Sottomissjonijiet, trid toqgħod ma' dak li jkun minnha ordnat, u jiġifieri li tqis l-eċċezzjonijiet preliminari li għandha quddiemha fuq is-saħħa ta' dak li jkun għadu sar sal-waqt li qiegħda tingħata s-sentenza u mhux billi tistħarreġ il-mertu nnifsu tal-azzjoni attriċi;

Illi l-Qorti tħoss li huwa tajjeb li ttenni li l-ilmenti tar-rikorrenti jinbnew fuq l-allegazzjoni tal-ksur ta' tliet jeddijiet fundamentali tagħha. Kif issemma qabel, dawn jirreferu għall-jedd li persuna ma tkunx trattata b'mod diskriminatorju, il-jedd ta' persuna għat-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti tagħha u l-jedd ta' persuna li ma tkunx suġġetta għal trattament inuman jew degradanti. Ir-rikorrenti ssejjes l-azzjoni tagħha kemm fuq il-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq il-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti tqis l-ewwelnett l-**eċċezzjoni preliminari dwar jekk imisshiex tinqeda bis-setgħat tagħha li tqis l-ilmenti**. Il-Qorti tinnota li l-eċċezzjoni taħt eżami tirrigwarda kemm l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 u kif ukoll l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

[9] Dok "ES1", f'paġġ. 20 sa 31 tal-proċess
[10] Dok f'paġġ. 18 u 47 tal-proċess
[11] Affidavit tar-rikorrenti f'paġ. 55 tal-proċess

Illi l-intimati jisħqu li r-rikorrenti kellha għadd ta' rimedji ordinarji li setgħet tinqeda bihom biex tikseb rimedju dwar il-bosta ċirkostanzi li hija ssemmi fir-rikors promotur tagħha. Filwaqt li jisiltu disa' ċirkostanzi li dwarhom ir-rikorrenti tressaq l-ilmenti tagħha, jgħidu li dwar kull wieħed minnhom hija kellha għażla li tressaq l-azzjoni xierqa f'waqtha u mhux tistenna l-medda tas-snin biex issa qiegħda tinqeda bir-rimedju Kostituzzjonali jew taħt il-Konvenzjoni. Iżidu jgħidu li r-rikorrenti għażlet li ma tinqediex b'dawk ir-rimedji jew, fejn dehrilha li kellha tinqeda bihom, ma ħaditx dak li riedet;

Illi, min-naħa tagħha, ir-rikorrenti[12], tgħid li kien jagħmel aktar sens li tmexxi b'kawża waħda kostituzzjonali biex tevita li jsiru bosta kawżi u appelli. Sa ċertu mod, din id-dikjarazzjoni hija stqarrija min-naħa tar-rikorrenti li tassew kellha rimedji ordinarji li setgħet inqdiet bihom, imma hija tgħid li l-proċeduri li jsemmu l-intimati ma kinux jagħtu rimedju xieraq u effettiv għall-ilmenti tagħha;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[13]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom

[12] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 117 – 8 tal-proċess
[13] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[14] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[15];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[16]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[17]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fondamentali li diġa' seħħ jew li x'aktarx iseħħ[18];

Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kienu l-intimati li qajmu l-eċċezzjoni li r-rikorrenti naqset li tinqeda b'rimedji oħra li kellha għad-dispożizzjoni tagħha jew li nqdiet bihom imma ma kisbitx ir-riżultat li xtaqet, u huwa għalhekk dmir tagħhom li juru li r-rikorrenti tassew kellha dawk ir-rimedji u li naqset li tinqeda bihom. Fis-sewwa jingħad li l-intimat Avukat Ġenerali, saħansitra ivverbalizża liema, skond hu, kienu r-rimedji li r-rikorrenti kellha għad-dispożizzjoni tagħha dwar kull waħda miċ-ċirkostanzi minnha msemmija fir-rikors promotur[19]. Imbagħad, iż-żewġ intimati komplew jelaboraw aktar dwar l-imsemmija rimedji fin-Noti ta' Sottomissjonijiet rispettivi tagħhom;

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*Remedies must be real and practical and not theoretical or illusory, e.g. genuine fear of reprisals, intimidation. Account will be taken not only of the personal circumstances of the applicant, but the general legal and political context in which the alleged remedies operate. An unduly formalistic approach is not to be taken by the Convention organs which will apply a certain degree of flexibility. Remedies must be effective, i.e. capable of providing redress for the complaint...; the speed of the procedure may also be relevant to its effectiveness; the remedy must be capable of remedying directly the*

---

[14] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[15] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[16] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[17] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[18] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et***
[19] Ara verbal tas-smigħ tad-19.4.2016, f'paġġ. 79 – 80 tal-proċess

*state of affairs; form part of the normal process of redress and involving normal use of the remedy...; be accessible...; offer reasonable prospects of success; a mere doubt as to the prospect of success in going to court does not exempt from exhaustion. Where case-law is unclear, contradictory or in the process of ongoing interpretation, an applicant may be expected to pursue an action or appeal which allows the courts to rule on the issues. ... Also, if there is more than one remedy available, an individual is not required to try more than one; an applicant is generally not required to try the same body again by way of a repeated request or application*"[20]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-regoli għaqlin joqogħdu sewwa għall-każ tal-lum u b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel;

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[21]. Mhuwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[22];

Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[23];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat

---

[20] K Reid <u>*A Practitioner's Guide to the European Convention on Huma Rights*</u> (3rd. Edit, 2007) §I-040, pġ. 31 – 2
[21] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[22] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[23] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th. Edit, 2006), pġ. 133

tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[24]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[25]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[26];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[27];

Illi fil-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta' rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabilit li "*With respect to the way in which and the time-limits within which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*"[28]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista' jmexxi każ quddiem il-Qorti

[24] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***
[25] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[26] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[27] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[28] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, pġ. 134

ta' Strasbourg[29] jidher li jista', fil-qafas ġenerali, jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wieħed imexxi 'l quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

Illi l-kejl determinanti dwar l-aċċettabilita' ta' rimedju bħal dak jibqa' dejjem dak ta' kemm huwa effettiv ir-rimedju li jista' jingħata. Għalhekk, kien hemm każijiet fejn ir-rimedju amministrattiv tqies bħala wieħed li jindirizza sewwa l-ilment imressaq mir-rikorrent (ukoll fejn l-allegazzjoni kienet ta' ksur ta' jedd "konvenzjonali")[30] (u għalhekk jiġġustifika li l-Qorti "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha straordinarji), imma kien hemm każijiet oħrajn ukoll fejn tali rimedju ma tqiesx bħala wieħed effettiv[31];

Illi, minbarra dan, jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit dan l-aħħar f'kawżi li jolqtu lil Malta[32];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-ilmenti tar-rikorrenti huma magħmula biex jinfirxu fuq medda twila ta' żmien fil-karriera tagħha ma' BOV u jolqtu bosta allegazzjonijiet. Filwaqt li l-Qorti tqis li, għal aktar minn darba, ir-rikorrenti stqarret li ma kenitx fi ħsiebha tiftaħ proċeduri dwar ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali dment li tkun għadha fl-impieg ma' BOV, f'din il-kawża tagħha tal-lum qajmet kwestjonijiet li din il-Qorti ma taħsibx li huma fiergħa u li r-rikorrenti qanqlet kwestjonijiet li, f'uħud mill-każijiet, ma kinux jistgħu jitqajmu fil-bosta proċeduri jew rimedji li l-intimati issuġġerew li r-rikorrenti messha nqdiet bihom;

Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li m'għandhiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw s'issa. Il-Qorti tqis li l-biċċa sostanzjali tal-kwestjonijiet legali mqanqla f'din il-kawża ma setgħux ikunu mistħarrġa quddiem l-ebda Qorti oħra jekk mhux din. Fil-fehma tal-Qorti, uħud mill-aspetti ta' dritt imqanqlin fir-rikors promotur kienu tabilfors

[29] Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni
[30] Ara, per eżempju, Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs Kummissarju tal-Pulizija***
[31] Ara, per eżempju, Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' tat-Trasport Pubbliku***
[32] Ara Q.E.D.B. **24.10.2014** fil-kawżi fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72

jeħtieġu li wieħed idur lejn din il-Qorti għall-istħarriġ u d-definizzjoni tagħhom. Minbarra dan, uħud mir-rimedji propsti ma kinux disponibbli lir-rikorrenti fiż-żmien li seħħew il-fatti allegati minnha. Fit-tielet lok, kif sewwa tgħid ir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tagħha, it-teħid ta' proċeduri kif suġġerit mill-intimati xorta waħda kien iwassal jew għal Riferenza mill-Qorti partikolari jew għal proċedura bħalma hija din tallum minħabba li l-"kwestjoni kostituzzjonali" kienet titlob li tkun din il-Qorti biss li tista' tistħarriġha;

Illi għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li, fid-dawl tal-fatti kollha tal-każ kif ħarġu sa issa, tal-konsiderazzjonijiet legali magħmula u tas-sottomissjonijiet mismugħa, għandha twarrab din l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati u tagħżel li twettaq is-setgħat kostituzzjonali tagħha li tibqa' tisma' l-kawża u taqtagħha;

Illi l-Qorti tgħaddi issa biex tqis l-**eċċezzjoni preliminari li m'għandhiex setgħa *ratione materiae*** li tqis l-ilmenti tar-rikorrenti safejn dawn jolqtu kwestjonijiet marbuta mal-impieg tagħha;

Illi, fil-qofol tagħhom, l-eċċezzjonijiet taż-żewġ intimati jirrigwardaw l-aspetti tad-diskriminazzjoni mqanqla mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħha. Irid jingħad li għalkemm l-intimat Avukat Ġenerali qajjem din l-eċċezzjoni – fil-paragarfu 2 'iv' tat-Tweġiba tiegħu – ma reġax semmiha fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu. Min-naħa l-oħra, BOV daħal f'din il-kwestjoni billi qal li kwestjonijiet ta' diskriminazzjoni jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali kif trid il-liġi li taħtha l-istess Tribunal huwa mwaqqaf[33];

Illi l-Qorti tagħraf li l-liġi tagħti lill-imsemmi Tribunal Industrijali setgħat esklussivi fi kwestjonijiet li jolqtu l-impieg ta' persuna[34], iżda bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li dik l-istess liġi tneħħa' lil din il-Qorti milli tistħarreġ u tqis kwestjonijiet ta' allegat ksur ta' jedd li ma jsirx trattament diskriminatorju kemm bi ksur tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-Konvenzjoni, ukoll jekk dan ikun sar fil-qafas ta' xi relazzjoni ta' mpieg tal-persuna mġarrba. Minbarra li l-imsemmi Tribunal Industrijali mhuwiex "qorti" għall-finijiet tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta[35], ma jistax iqis u jaqta' dwar ilmenti ta' ksur ta' xi jedd fundamentali u wisq anqas jagħmel Riferenza lil din il-Qorti dwar ilment bħal dak;

[33] L-Att tal-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452)
[34] Art. 75(1) tal-Kap 452
[35] Kost. **30.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet vs Ignatius Licari noe***

Illi għalhekk, il-Qorti tasal biex taqbel mas-sottomissjonjiet magħmulin mir-rikorrenti[36] li l-kompetenza tat-Tribunal Industrijali fil-parametri partikolari tal-liġi speċjali li taħtha twaqqaf ma jwarbux dik mogħtija lil din il-Qorti kemm mill-Kostituzzjoni u kif ukoll mill-imsemmi Kapitolu 319. Dan tgħidu aktar u aktar ladarba hija ċaħdet l-eċċezzjoni preliminarita' qabilha dwar id-disponibilita' lir-rikorrenti ta' rimedji ordinarji biex jindirizzaw l-ilmenti tagħha;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li din l-eċċezzjoni hija tajba u mhux sejra tilqagħha;

Illi l-Qorti se tqis issa l-**eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni attriċi toħroġ 'il barra mis-setgħat ta' din il-Qorti *ratione temporis*.** Hawnhekk ukoll, il-Qorti tara li għalkemm din hija waħda mill-eċċezzjonijiet imqajma mill-intimat Avukat Ġenerali - fil-paragrafu 2 'v' tat-Tweġiba tiegħu – ma jidhirx li ressaq sottomissjonijiet dwarha. Min-naħa tiegħu, BOV jisħaq li l-ilmenti tar-rikorrenti jirreferu għal żmien qabel ma daħal fis-seħħ il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta[37], u għalhekk din il-Qorti ma tistax tqisha;

Illi jidher li l-ħsieb ta' BOV dwar din l-eċċezzjoni jintrabat mal-fatti ta' meta ntemm l-impieg tar-rikorrenti f'Awwissu tal-1979 meta żżewġet. Minbarra l-fatt li l-ilmenti tar-rikorrenti jinfirxu fuq medda ta' żmien li tibqa' sejra sal-2004, BOV ma jidhirx li jagħmel apprezzament tajjeb tal-kwestjoni tas-setgħat ta' din il-Qorti *ratione temporis*. F'dan ir-rigward, din il-Qorti qiegħda tqis li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kap 319 iridu jinqraw fid-dawl tat-tifsira li l-Qorti fi Strasbourg tat f'dan ir-rigward fejn jidħol it-tħaddim f'Malta tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Konvenzjoni[38];

Illi b'żieda ma' dan kollu, l-eċċezzjoni preliminari li tressqet tgħodd biss safejn l-ilmenti tar-rikorrenti jitolbu rimedju taħt id-dispożizzjonijiet relativi tal-Konvenzjoni. Ladarba r-rikorrenti ressqet talbiet ukoll taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, l-imsemmija eċċezzjoni ma tgħoddx ukoll kieku kellha tintlaqa' fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjoni;

Illi għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba u mhix sejra tintlaqa' u l-Qorti tqis li għandha s-setgħa li tqis l-ilmenti tar-rikorrenti wkoll *ratione temporis*;

---

[36] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 124 – 5 tal-proċess
[37] Art. 7 tal-Kap 319
[38] Ara b'eżempju, Q.E.D.B. **8.4.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Beżżina Wettinger vs Malta*** (Applik. Nru. 15091/06) §§ 51, 55; u Q.E.D.B. **5.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq vs Malta*** (Applik. Nru. 26771/07) § 38

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħed taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat** Avukat Ġenerali (fil-paragrafi 'iii', 'iv' u 'v' tagħha) u l-**ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari t**al-intimat Bank of Valletta p.l.c. bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, **bl-ispejjeż kontra l-intimati**; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni tal-ilmenti tar-rikorrenti fil-mertu u tal-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimati.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**9 ta' Mejju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**9 ta' Mejju, 2017**